

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 240/2014****tal-24 ta' Ottubru 2014****li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2015/1464]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/753/UE tat-18 ta' Novembru 2011 li tistabbilixxi regoli u metodi ta' kalkolu biex tkun ivverifikata l-konformità mal-miri stipulati fl-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ se tiġi inkorporata fi ħdan il-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Għalhekk, l-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 32ffc (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 715/2013) tal-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"32ffd. **32011 D 0753:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/753/UE tat-18 ta' Novembru 2011 li tistabbilixxi regoli u metodi ta' kalkolu biex tkun ivverifikata l-konformità mal-miri stipulati fl-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 310, 25.11.2011, p. 11)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2011/753/UE fil-lingwa İzlandiża u Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2014, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima dwar iż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

⁽¹⁾ ĠU L 310, 25.11.2011, p. 11.

(*) L-ebda rekwiżit kostituzzjonali ma huwa indikat.